B 2091

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,349, 22 ta' Novembru, 2024

Taqsima B

A.L. 314 tal-2024

ATT FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (KAP. 643)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 tal-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima, il-Ministru responsabbli għall-politika tal-azzjoni dwar il-klima u l-Ministru responsabbli mill-ġustizzja, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 643.03.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (3) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li:

(a) jittrasponu:

(i) id-Direttiva 2003/87/KE;

(ii) id-Direttiva 2004/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(iii) id-Direttiva 2008/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(iv) id-Direttiva 2009/29/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(v) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(vi) id-Direttiva (UE) 2018/410 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(vii) id-Direttiva (UE) 2023/958 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(viii) Id-Direttiva (UE) 2023/959 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE; u

(b) jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2017/2392 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "ċessjoni" tiegħu għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "CORSIA" tfisser il-"*Carbon Offsetting and Reduction Scheme for International Aviation of the International Civil Aviation Organisation*;";

(b) minnufih wara t-tifsira "Direttiva (UE) 2018/410" għandhom jiġu miżjuda it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Direttiva (EU) 2023/958" tfisser id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq;

"effetti tal-avjazzjoni mhux tas-CO_2" tfisser l-effetti fuq il-klima tar-rilaxx, matul il-kombustjoni tal-fjuwil, ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x), partikoli tan-nugrufun, speċijiet ta' kubrit ossidizzat, u effetti mill-fwar tal-ilma, inklużi strixxi ta' kondensazzjoni, minn inġenju tal-ajru li jwettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Iskeda 1;";

(ċ) it-tifsira " "emissjonijiet tal-avjazzjoni" jew "emissjonijiet" " tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "emissjonijiet tal-avjazzjoni" jew "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra minn inġenju tal-ajru li jwettaq attività ta' avjazzjoni fl-Iskeda 1 u, jew, fl-Iskeda 1A, kif speċifikat fir-rigward ta tali attività;";

(d) minnufih wara it-tifsira "gassijiet serra" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "ICAO" tfisser l-International Civil Aviation Organisation;";

(e) minnufih wara t-tifsira "il-pubbliku" tiegħu għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Qbil ta' Pariġi" tfisser il-Qbil ta' Pariġi li hu trattat internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016;";

(f) minnufih wara t-tifsira "verifikatur" tiegħu għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Żona Ekonomika Ewropea" tfisser iż-żona magħmula mill-istati li huma partijiet fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992, u l-Protokoll li jaġġusta dak il-qbil, iffirmat fi Brussell fis-17 ta' Marzu, 1993.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara l-paragrafu (a) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(aa) għall-finijiet tar-regolamenti 12(8), 24B, 24Ċ u 24D, operaturi ta' inġenji tal-ajru li jwettqu attivitajiet ta' avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1A, li jirriżultaw f'emissjonijiet ta' gassijiet serra partikolari fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet u li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Malta jew li huma reġistrati f'Malta; u".

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Allokazzjoni ta' permessi bla ħlas lil operaturi ta' inġenji tal-ajru.

4. (1) Fuq bażi annwali, mis-sena li tibda mill-1 ta' Jannar 2024 sas-sena li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2030, operatur ta' inġenji tal-ajru kummerċjali jista' japplika għal allokazzjoni ta' permessi abbażi tal-kwantità ta' kull karburant tal-avjazzjoni eliġibbli msemmi fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 3ċ tad-Direttiva 2003/87/KE użat fuq titjiriet li għalihom iridu jiġu ċeduti permessi skont ir-regolament 16 bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2030, eskluż titjiriet li għalihom tali rekwiżit jitqies li jkun ġie sodisfatt skont is-subregolament (1) tar-regolament 24A.

(2) Applikazzjoni skont is-subregolament (1) għandha ssir skont id-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE.".

Iħassar ir-regolamenti 5, 6, 7 u 8 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolamenti 5, 6, 7 u 8 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, toħroġ il-kwantità ta' permessi bla ħlas li għandhom jiġu allokati għal dik is-sena lil kull operatur ta' inġenji tal-ajru kif stabbilit skont il-paragrafu (1a) tal-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(1a) L-Awtorità għandha toħroġ il-kwantità ta' permessi bla ħlas li għandhom jiġu allokati għal dik is-sena lill-operatur ta' inġenji tal-ajru skont ir-regolament 4.".

Jissostitwixxi r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Monitoraġġ ta' emissjonijiet annwali.

12. (1) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jissottometti lill-Awtorità pjan ta' monitoraġġ li jistabbilixxi miżuri sabiex isir monitoraġġ u rappurtaġġ dwar emissjonijiet ta' gassijiet serra speċifikati fir-rigward ta' attivitajiet tal-avjazzjoni stabbiliti fl-Iskeda 1, u jew fl-Iskeda 1A. Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi sottomess minn operatur ta' inġenji tal-ajru lill-Awtorità mill-aktar fis possibbli qabel ma l-operatur ta' inġenji tal-ajru jibda jwettaq l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A:

Iżda, fejn operatur ta' inġenji tal-ajru jwettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A għall-ewwel darba li ma tkunx tista' tiġi prevista qabel ma sseħħ l-attività, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi sottomess lill-Awtorità mingħajr dewmien żejjed wara li titwettaq l-attività msemmija jew f'perjodu ta' żmien kif jista' jiġi miftiehem bejn l-operatur ta' inġenji tal-ajru u l-Awtorità:

Iżda wkoll, fejn operatur ta' inġenji tal-ajru li għalih Malta tkun ġiet appuntata bħala l-Istat Membru li jamministra skont ir-regolament 3, wara li jkun wettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A għall-ewwel darba, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi sottomess lill-Awtorità mingħajr dewmien żejjed wara li Malta tkun ġiet appuntata bħala l-Istat Membru li jamministra għal dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru jew f'perjodu ta' żmien kif jista' jiġi miftiehem bejn l-operatur ta' inġenji tal-ajru u l-Awtorità.

(2) Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jkun skont:

(a) il-prinċipji stabbiliti fl-Iskeda 3;

(b) id-deċiżjonijiet rilevanti u regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) kwalunkwe rekwiżit ieħor li jsir mill-Awtorità rigward il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet tal-avjazzjoni.

(3) Il-pjan ta' monitoraġġ sottomess minn operatur ta' inġenji tal-ajru skont is-subregolament (1) għandu jkun approvat mill-Awtorità, jekk hija tkun sodisfatta li l-pjan ikun skont ir-rekwiżiti stabbiliti skont dan ir-regolament. L-Awtorità tista' titlob mingħand l-operatur ta' inġenji tal-ajru kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jidhrilha xierqa għall-approvazzjoni tal-pjan.

(4) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu javża lill-Awtorità bi kwalunkwe devjazzjoni mill-pjan ta' monitoraġġ li tista' sseħħ fi kwalunkwe ħin wara l-approvazzjoni tal-pjan mill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità għandha tkun avżata bi kwalunkwe devjazzjoni mill-pjan:

(a) mill-aktar fis possibbli qabel ma sseħħ id-devjazzjoni, jekk id-devjazzjoni tkun magħrufa mill-operatur ta' inġenji tal-ajru jew tiġi mgħarrfa lill-operatur qabel ma sseħħ; jew

(b) minnufih wara li sseħħ id-devjazzjoni jekk l-okkorrenza tad-devjazzjoni ma tkunx magħrufa mill-operatur ta' inġenji tal-ajru jew ma jkunx ġie avżat lill-operatur ta' inġenji tal-ajru qabel ma sseħħ jew meta din isseħħ:

Iżda wkoll Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jżomm reġistru dokumentat, li għandu jinkludi informazzjoni skont ir-rekwiżiti li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità, bi kwalunkwe devjazzjoni li sseħħ matul sena ta' monitoraġġ u għandu jissottometti tali reġistru lill-Awtorità flimkien mar-rapport ta' emissjonijiet annwali sottomess skont dan ir-regolament.

(5) Operatur ta' inġenji tal-ajru jista' fi kwalunkwe ħin wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ jissottometti lill-Awtorità il-modifiki proposti li jkunu jridu jsiru fil-pjan, skont id-deċiżjonijiet rilevanti u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE. L-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jżomm reġistru dokumentat tal-modifiki kollha fil-pjan ta' monitoraġġ:

Iżda kwalunkwe modifiki sinifikanti proposti għal pjan approvat ma għandhomx ikunu validi mingħajr l-approvazzjon tal-Awtorità.

(6) Fejn tqis xieraq, l-Awtorità tista' titlob is-sottomissjoni ta' pjan rivedut.

(7) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jivverifika b'mod regolari jekk il-pjan ta' monitoraġġ approvat jirriflettix in-natura u l-funzjoni tal-operatur ta' inġenji tal-ajru u għandu jissottometti lill-Awtorità modifiki proposti li jridu jsiru fil-pjan, kif jista' jkun meħtieġ.

(8) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jwettaq monitoraġġ tal-emissjonijiet minn inġenji tal-ajru li huwa jopera, li jwettqu l-attivitajiet ta' avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A, matul kull sena ta' monitoraġġ.

(9) Mill-1 ta' Jannar 2025, l-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jwettaq monitoraġġ tal-effetti mhux tas-CO_2 minn kull inġenju tal-ajru li huwa jopera matul is-sena kalendarja, skont id-deċiżjonijiet jew ir-regolamenti rilevanti kif adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE.

(10) Bla ħsara għas-subregolament (4), operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jwettaq monitoraġġ tal-emissjonijiet annwali skont il-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-Awtorità u skont dan ir-regolament. L-Awtorità tista' tieħu kwalunkwe azzjoni li jidhrilha meħtieġa skont dawn ir-regolamenti sabiex tiżgura li operatur ta' inġenji tal-ajru jkun qiegħed iwettaq monitoraġġ u rappurtaġġ ta' emissjonijiet annwali skont il-pjan ta' monitoraġġ approvat.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

9. Fir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara s-subregolament (6) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(7) Mill-1 ta' Jannar 2025, l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jirrapporta effetti tal-avjazzjoni mhux tas-CO_2 minn kull inġenju tal-ajru li jopera matul is-sena kalendarja preċedenti, kif immonitorjat skont ir-regolament 12(9), u skont id-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti kif adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE.

(8) Ir-rapport sottomess mill-operatur ta' inġenji tal-ajru skont is-subregolament (7) għandu jiġi vverifikat minn awditur skont id-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti kif adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE.

(9) Fir-rigward tar-rapporti ppreżentati skont is-subregolament (2) u s-subregolament (7), fejn l-operatur tal-inġenji tal-ajru jopera fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' ajrudromi jew fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' Stati li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens jew fuq għadd limitat ħafna ta' pari ta' Stati li ma humiex soġġetti għal rekwiżiti ta' kumpens, dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jitlob lill-Awtorità sabiex ma tippubblikax tali data fil-livell tal-operatur tal-inġenji tal-ajru, filwaqt li jispjega għaliex l-iżvelar ikun meqjus li jagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali tiegħu. Abbażi ta' tali talba, l-Awtorità tista' titlob lill-Kummissjoni sabiex tippubblika dik id-data f'livell ogħla ta' aggregazzjoni.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fir-regolament 16(1) tar-regolamenti prinċipali l-kliem "mat-30 ta' April ta' kull sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mat-30 ta' Settembru ta' kull sena".

Jissostitwixxi r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

11. Ir-regolament 24 tar-regolameti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Dritt ta' appell.

Kap. 490.

24. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkollu l-ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet tal-Awtorità li jittieħdu skont dawn ir-regolamenti fit-termini tal-Att dwar l-Ġustizzja Amministrattiva, liema appell għandu jiġi preżentat sa mhux iktar tard minn għoxrin (20) ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-istess Awtorità, li permezz tiegħu l-persuna aggravata għandha tispeċifika r-raġunijiet li abbażi tagħhom l-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità għandha tiġi kanċellata jew modifikata:

Iżda kull parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-istess Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punt ta' liġi skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Jemenda r-regolament 24A tar-regolamenti prinċipali.

12. Ir-regolament 24A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) B'deroga mir-regolamenti 12,13,14,15 u 16, l-Awtorità għandha tqis li r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet ġew sodisfatti u ma għandha tieħu l-ebda azzjoni kontra l-operatur ta' inġenji tal-ajru, fejn dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru iwettaq attivita ta' avjazzjoni elenkata fl-Iskeda 1 fir-rigward ta':

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn ajrudromi li jinsabu f'pajjiżi barra miż-Żona Ekonomika Ewropea f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2023;

(b) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ajrudrom li jinsab f'reġjun ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar, 2013 sal-31 ta' Diċembru, 2023;

(ċ) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn ajrudromi li jinsabu f'pajjiżi barra miż-Żona Ekonomika Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' titjiriet lejn ajrudromi li jinsabu fir-Renju Unit jew fl-Iżvizzera, f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(d) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ajrudrom li jinsab f'reġjun ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2023;

(e) l-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta'

Diċembru 2030 minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u ajrudrom li jinsab fl-istess Stat Membru, inkluż ajrudrom ieħor li jinsab fl-istess reġjun ultraperiferiku jew f'reġjun ultraperiferiku ieħor tal-istess Stat Membru.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) B'deroga mis-subregolament (1), operatur ta' inġenji tal-ajru li jwettaq attività ta' avjazzjoni elenkata fl-Iskeda 1, li jibbenefika mid-derogi previsti fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subregolament (1), għandhom jinħarġulu numru ta' permessi bla ħlas imnaqqsa fi proporzjon mat-tnaqqis tal-obbligu ta' ċediment previst f'dawk il-paragrafi."; u

(ċ) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) B'deroga mis-subregolament (1), operaturi ta' inġenji tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jippreżentaw pjanijiet ta' monitoraġġ li jistabbilixxu miżuri għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ ta' emissjonijiet fir-rigward ta' titjiriet li huma soġġetti għad-derogi previsti fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subregolament (1).".

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

13. Minnufih wara r-regolament 24A tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu miżjuda r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Rekwiżiti ta' kumpens għal operaturi ta' inġenji tal-ajru.

24B. (1) Skont il-metodoloġija stipulata f'deċiżjonijiet jew regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE, l-Awtorità għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' kumpens għal operaturi ta' inġenji tal-ajru li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu (aa) tar-regolament 3, li jwettqu attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1A, kull sena, għas-sena kalendarja preċedenti fir-rigward ta' titjiriet lejn, minn u bejn Stati li huma elenkati f'deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, u fir-rigward ta' titjiriet bejn l-Isvizzera jew ir-Renju Unit u l-Istati li huma elenkati fid-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE. L-Awtorità għandha, sat-30 ta' Novembru ta' kull sena tinforma lill-operaturi ta' inġenji tal-ajru bir-rekwiżiti ta' kumpens ikkalkulati.

B 2100

(2) Skont il-metodoloġija stipulata fid-deċiżjonijiet jew ir-regolamenti rilevanti kif adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE, l-Awtorità għandha tikkalkula ukoll ir-rekwiżiti ta' kumpens finali totali għal operaturi ta' inġenji tal-ajru li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu (aa) tar-regolament 3, li jwettqu attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1A, għal perjodu partikolari ta' konformità mal-CORSIA u, sat-30 ta' Novembru tas-sena ta' wara l-aħħar sena tal-perjodu rilevanti ta' konformità mal-CORSIA, tinforma lill-operaturi ta' inġenji tal-ajru bir-rekwiżiti ta' kumpens finali total ikkalkulati.

(3) L-operatur tal-inġenji tal-ajru li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (aa) tar-regolament 3 għandu jikkanċella l-unitajiet imsemmija fir-regolament 24Ċ biss fir-rigward tal-kwantità notifikata mill-Awtorità lil dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru fir-rigward tal-perjodu rilevanti ta' konformità mal-CORSIA skont is-subregolament (2). Il-kanċellazzjoni għandha ssir sal-31 ta' Jannar 2025 għal emissjonijiet fil-perjodu mill-2021 sal-2023 u sal-31 ta' Jannar 2028 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2024 sal-2026.

Użu tal-unitajiet ta' kumpens.

24Ċ. (1) L-operatur ta' inġenji tal-ajru li jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fir-regolament 3(aa), li jwettaq attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1A, għandu jkun jista' juża l-unitajiet li ġejjin sabiex jikkonforma mal-obbligi tiegħu li jikkanċella unitajiet fir-rigward tal-kwantità notifikata skont ir-regolament 24B:

(a) krediti awtorizzati mill-partijiet li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu stabbilit taħt l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim ta' Pariġi;

(b) krediti awtorizzati mill-partijiet li jipparteċipaw fi programmi ta' kreditu li jkunu ġew ikkunsidrati eliġibbli mill- ICAO jew korpi rilevanti tagħha li jieħdu deċizjonijiet, kif identifikati f'deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE;

(ċ) krediti minn proġetti jew attivitajiet oħra li jnaqqsu l-emissjonijiet soġġetti għal ftehimiet konklużi ma' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 11a tad-Direttiva 2003/87/KE;

(d) krediti maħruġa fir-rigward ta' proġetti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 24a tad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) L-unitajiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1), jistgħu jintużaw jekk ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) joriġinaw minn Stat li huwa parti għall-Ftehim ta' Pariġi fil-ħin tal-użu;

(b) joriġinaw minn Stat li huwa elenkat fid-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE li tipparteċipa fil-CORSIA tal-ICAO. Din il-kondizzjoni ma għandhiex tapplika fir-rigward ta' emissjonijiet rilaxxati qabel is-sena 2027, u lanqas ma għandha tapplika fir-rigward tal-pajjiżi l-inqas żviluppati u tal-istati gżejjer żgħar li qegħdin jiżviluppaw, għajr dawk identifikati fid-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(3) L-unitajiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subregolament (1) jistgħu jintużaw jekk ikun hemm arranġamenti stabbiliti għall-awtorizzazzjoni mill-partijiet parteċipanti, isiru aġġustamenti f'waqthom għar-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar koperti mill-kontributi determinati fil-livell nazzjonali tal-partijiet parteċipanti, u l-għadd doppju u ż-żieda netta fl-emissjonijiet globali jiġu evitati, u b'kont meħud ta' kwalunkwe deċiżjoni u regolament rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/ KE.

Nuqqas ta' ċediment ta' permessi minn operaturi ta' inġenji tal-ajru li jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet.

24D. (1) Fir-rigward tal-emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2026 minn titjiriet lejn, u minn Stati li huma elenkati f'deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, operatur ta' inġenji tal-ajru li jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu (aa) tar-regolament 3 ma huwiex meħtieġ li jċedi permessi skont ir-regolament 16 fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.

(2) Fir-rigward ta' emissjonijiet rilaxxati sal-31 ta' Diċembru 2026 minn titjiriet bejn iż-Żona Ekonomika Ewropea u Stati li ma humiex elenkati f'deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, minbarra titjiriet lejn l-Isvizzera u lejn ir-Renju Unit, operatur ta' inġenji tal-ajru li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 3(aa) ma għandux ikun meħtieġ li jċedi permessi skont ir-regolament 16 fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.

(3) Fir-rigward ta' emissjonijiet minn titjiriet lejn, u minn pajjiżi l-inqas żviluppati u Stati gżejjer żgħar li qegħdin jiżviluppaw kif imfissra min-Nazzjonijiet Uniti, minbarra dawk identifikati fid-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-operatur tal-inġenji tal-ajru li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 3 (aa) ma huwiex meħtieġ li jċedi permessi skont ir-regolament 16 fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.".

Jissostitwixxi l-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

14. L-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'din l-Iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda 1
Regolamenti 1(2), 2, 3, 4(2), 4 (6)(b), 12(1), 12(9), 16(1) u 24A(3)

Kategoriji ta' Attivitajiet tal-EU ETS li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom

Attivitajiet	Gassijiet serra
Titjiriet li jitilqu minn, jew jaslu f'ajrudrom li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru:	Dijossidu tal-karbonju

Din l-attività ma tinkludix:

(a) titjiriet li jsiru esklussivament għat-trasport, fuq missjoni uffiċjali, ta' Monarka renjanti u l-familja tiegħu fil-qrib ħafna, Kapijiet ta' Stat, Kapijiet tal-Gvern u Ministri tal-Gvern, ta' pajjiż li ma jkunx Stat Membru, fejn dan ikun sostanzjat minn indikatur ta' status adatt fil-pjan tat-titjira;

(b) titjiriet militari li jsiru minn inġenji tal-ajru militari u titjiriet li jsiru mid-dwana u mill-pulizija;

(ċ) titjiriet li jkollhom x'jaqsmu mat-tiftix u salvataġġ, titjiriet għat-tifi tan-nar, titjiriet umanitarji u titjiriet ta' servizz ta' emerġenza medika awtorizzati mill-awtorità adatta;

(d) kwalunkwe titjira li ssir esklussivament taħt regoli ta' titjira viżwali kif imfisser fl-Anness 2 għall-Konvenzjoni ta' Chicago;

(e) titjiriet li jintemmu fl-ajrudrom minn fejn ikun telaq l-inġenju tal-ajru u li matulhom ma jkun sar ebda inżul intermedju;

(f) titjiriet ta' taħriġ li jsiru esklussivament bil-għan li tinkiseb liċenzja, jew klassifikazzjoni fil-każ tal-ekwipaġġ ta' titjira li jkun fil-cockpit fejn dan ikun sostanzjat minn rimarka adatta fil-pjan tat-titjira, kemm-il darba t-titjira ma tkunx qed isservi għat-trasport ta' passiġġieri u, jew tagħbija jew għall-pożizzjonament jew ġarr tal-inġenji tal-ajru;

(g) titjiriet li jsiru esklussivament bil-għan ta' riċerka xjentifika jew bil-għan ta' verifika, ittestjar jew ċertifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru jew tagħmir kemm dak fl-ajru kif ukoll dak li jkun ibbażat fuq l-art;

(h) titjiriet li jsiru minn inġenji tal-ajru li jkollhom l-akbar massa ċertifikata ta' tlugħ fit-titjir ta' anqas minn ħamest elef u seba' mitt (5,700) kg;

(i) titjiriet li jsiru fil-kuntest ta' obbligi tas-servizz pubbliku imposti skont ir-Regolament (KEE) Nru. 1008/ 2008 fuq rotot fir-reġjuni li jinsabu l-aktar fuq barra, kif stabbilit fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jew fuq rotot fejn il-kapaċità offruta ma teċċedix ħamsin elf (50,000) post għall-passiġġieri fis-sena;

(j) titjiriet li, kieku ma kienx għal din l-esklużjoni, kienu jaqgħu fl-ambitu tat-tifsira ta' attività tal-avjazzjoni kif hawn elenkata, li ssir minn operatur tat-trasport tal-ajru kummerċjali li jkun qiegħed iħaddem jew:

(i) inqas minn mitejn tlieta u erbgħin (243) titjira matul kull perjodu għal tliet (3) perjodi konsekuttivi ta' erba' (4) xhur il-wieħed; jew

(ii) titjiriet li jkollhom emissjonijiet annwali totali aktar baxxi minn għaxart elef (10,000) tunnellata fis-sena:

Iżda titjiriet li huma msemmija fil-paragrafi (l) u (m) jew li jsiru esklussivament għat-trasport, fuq missjonijiet uffiċjali ta' xi Monarka renjanti u l-familja tiegħu fil-qrib ħafna, Kapijiet ta' Stat, Kapijiet tal-Gvern u l-Gvern ta' Stat Membru ma jistgħux ikunu esklużi taħt dan il-paragrafu;

(k) mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru, 2030 titjiriet li, ħlief għal dan il-punt, kienu jaqgħu taħt din l-attività, imwettqa minn operatur ta' inġenji tal-ajru mhux kummerċjali li jkun qed jopera titjiriet b'għadd totali ta' emissjonijiet annwali iktar baxxi minn elf (1,000) tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju fis-sena. Titjiriet li jsiru esklussivament għat-trasport, fuq missjonijiet uffiċjali ta' Monarka renjanti u l-familja tiegħu fil-qrib ħafna, Kapijiet ta' Stat, Kapijiet tal-Gvern u l-Gvern ta' Stat Membru ma jistgħux ikunu esklużi taħt dan il-paragrafu;

(l) titjiriet minn ajrudromi li jinsabu fl-Isvizzera lejn ajrudromi li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE);

(m) titjiriet minn ajrudromi li jinsabu fir-Renju Unit lejn ajrudromi li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).".

Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

15. Minnufih wara l-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi miżjuda din l-Iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda 1A
Regolamenti 2, 3, 12, 24B u 24Ċ

Kategoriji ta' attivitajiet tal-CORSIA li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti

Attivitajiet	Gassijiet serra
Titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu f'żewġ (2) Stati differenti li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u Stati li huma elenkati fid-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u, għall-finijiet tar-regolamenti 24B, 24Ċ u 24D, kwalunkwe titjira oħra bejn ajrudromi li jinsabu f'żewġ (2) pajjiżi terzi differenti mill-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: (a) l-operaturi ta' inġenju tal-ajru jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikunu reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru; u	Dijossidu tal-karbonju

(b) jipproduċu emissjonijiet annwali tas-CO_2 ta' aktar minn għaxart elef (10,000) tunnellata mill-użu ta' ajruplani b'massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art ta' aktar minn ħamest elef u seba' mitt (5,700) kg li jwettqu titjiriet koperti minn din l-Iskeda, għajr dawk li jitilqu u li jaslu fl-istess Stat Membru, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-istess Stat Membru, mill-1 ta' Jannar 2021; għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-emissjonijiet mit-tipi ta' titjiriet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu:

(i) titjiriet Statali;

(ii) titjiriet umanitarji;

(iii) titjiriet mediċi;

(iv) titjiriet militari;

(v) titjiriet tat-tifi tan-nar;

(vi) titjiriet li jsiru qabel jew wara titjira umanitarja, medika jew tat-tifi tan-nar, diment li tali titjiriet ikunu twettqu bl-istess inġenju tal-ajru u kienu meħtieġa biex jitwettqu l-attivitajiet umanitarji, mediċi jew tat-tifi tan-nar relatati, jew biex l-inġenju tal-ajru jiġi ppożizzjonat mill-ġdid wara dawk l-attivitajiet għall-attività li jmiss tiegħu.".

Jissostitwixxi l-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

16. L-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda 3
regolamenti 12(3)(a), 13(1)(a) u 14(3)

Prinċipji għal Monitoraġġ u Rappurtaġġ ta' Emissjonijiet minn Attivitajiet tal-Avjazzjoni

Monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju minn attivitajiet tal-avjazzjoni

L-emmissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta'

kalkolu. L-emissjonijiet għandhom jiġu kalkulati billi tintuża l-formola:

Konsum tal-karburant × fattur ta' emissjoni

Il-konsum tal-karburant għandu jinkludi l-karburant kkunsmat mill-ġeneratur awżiljarji. Il-konsum attwali tal-karburant għal kull titjira għandu jintuża kull meta dan ikun possibbli u għandu jiġi kalkolat billi tintuża l-formola:

Ammont ta' karburant li jinsab fit-tankijiet tal-inġenji tal-ajru ladarba jkun sar il-mili kollu tal-karburant għat-titjira – ammont ta' karburant li jinsab fit-tankijiet tal-inġenji tal-ajru wara li jkun sar il-mili kollu tal-karburant għat-titjira sussegwenti + mili kollu tal-karburant għal dik it-titjira sussegwenti.

Jekk id-data tal-konsum attwali tal-karburant ma tkunx disponibbli, għandu jintuża metodu standardizzat imqassam f'livelli għall-istima tad-data tal-konsum ta' karburanti bbażata fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli.

Għandhom jintużaw il-fatturi ta' bażi għall-emissjonijiet IPCC meħuda mil-Linji Gwida tal-Inventarju tal-IPCC 2006 jew minn aġġornamenti sussegwenti ta' dawn il-Linji Gwida, sakemm ma jkunux aktar preċiżi l-fatturi għal emissjonijiet marbutin speċifikament mal-attività identifikati minn laboratorji indipendenti akkreditati permezz ta' metodi ta' analiżi aċċettati.

Il-fattur ta' emissjoni għall-bijomassa li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà u l-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont id-Direttiva msemmija, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/87/KE, għandu jkun żero. Il-fattur ta' emmissjoni għall-*jet kerosene* (Jet A1 jew Jet A) għandu jkun ta' 3.16 (t CO_2/t fjuwil).

Għandu jsir kalkolu separat għal kull titjira u għal kull karburant.

L-emissjonijiet minn fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika li jużaw l-idroġenu minn sorsi rinnovabbli konformi mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandhom jiġu kklassifikati b'emissjonijiet żero għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru li jużawhom sa ma jiġi adottat l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/87/KE.

B 2108

Rappurtaġġ ta' emissjonijiet

Kull operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja fir-rapport tiegħu msemmi fir-regolament 13(2):

A. Data li tidentifika lil operatur ta' inġenji tal-ajru, inkluż:

(i) l-isem tal-operatur ta' inġenji tal-ajru;

(ii) l-Istat Membru li jamministrah;

(iii) l-indirizz tiegħu, inkluż il-kodiċi postali u l-pajjiż u, fejn dan ikun differenti, l-indirizz ta' kuntatt tiegħu fl-Istat Membru li jamministrah;

(iv) in-numri ta' reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru u t-tipi ta' inġenji tal-ajru użati minnu fil-perjodu kopert mir-rapport għat-twettiq tal-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A;

(v) in-numru u l-awtorità tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru u l-liċenzja sabiex jopera li permezz tagħha jkunu twettqu l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A;

(vi) l-indirizz u d-dettalji tat-telefown, il-fax u l-e-mail għal persuna ta' kuntatt; u

(vii) isem sid l-inġenji tal-ajru.

B. Għal kull tip ta' karburant li għalih jiġu kalkulati l-emissjonijiet:

(i) il-konsum tal-karburant;

(ii) il-fattur ta' emissjoni;

(iii) l-emissjonijiet totali aggregati mit-titjiriet kollha li twettqu matul il-perjodu kopert bir-rapport, li jaqgħu fl-ambitu tal-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A, li għalihom l-operatur inkwistjoni jitqies bħala l-operatur ta' inġenji tal-ajru;

(iv) l-emissjonijiet aggregati:

- mit-titjiriet kollha mwettqa matul il-perjodu kopert mir-rapport, li jaqgħu fl-ambitu tal-attivitajiet

tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A, li għalihom l-operatur involut jitqies bħala l-operatur ta' inġenji tal-ajru u li jkunu telqu minn ajrudrom li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru u waslu f'ajrudrom li jinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru,

- mit-titjiriet l-oħra kollha li twettqu matul il-perjodu kopert mir-rapport li jaqgħu fl-ambitu tal-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1 u, jew fl-Iskeda 1A, li għalihom l-operatur inkwistjoni jitqies bħala l-operatur ta' inġenji tal-ajru;

(v) l-emissjonijiet aggregati mit-titjiriet kollha li twettqu matul il-perjodu kopert mir-rapport li jaqgħu fi ħdan l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1 u, jew, fl-Iskeda 1A, li għalihom l-operatur inkwistjoni jitqies bħala l-operatur ta' inġenji tal-ajru u li:

- telqu minn kull Stat Membru; u

- waslu f'kull Stat Membru minn pajjiż terz;

(vi) l-inċertezza.".

Emenda konsegwenzjali.

17. Minnufih wara l-aħħar partita tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandhom jiġu miżjuda l-kliem "Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni L.S. 643.03 Kompetenza Superjuri/Inferjuri".

Kap. 490.